MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 645/2013

**GO p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**Maria Pauline Jean AGIUS [ID. Nru. 18502L]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-1 ta' Ottubru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' sitt mija tlieta u disghin euro u sebgha u erbghin ċenteżmu ta' euro [€693.47] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attriċi s-somma ta' seba mija sebgha u disghin Euro u wiehed u tletin ċenteżmu [recte: sitt mija tlieta u disghin euro u sebgha u erbghin ċenteżmu] (€693.47), skont id-dokumenti hawn annessi u markati Dok A, B u C, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' telekomunikazzjoni, u cioe dak tat-televizjoni, telefon u

internet, kont numru A/C 40156464, moghtija mis-socjeta attriċi u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta ġiet interpellata sabiex thallas iżda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata fit-22 ta' Ottubru, 2013 u li ma dehritx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Simone Ellul rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand is-socjeta intimata tas-somma ta' sitt mija tlieta u disghin euro u sebgha u erbghin ċenteżmu ta' euro [€693.47] rapprezentanti din is-somma hlasijiet in konnessjoni mas-servizzi ta' telekomunikazzjoni, u cioe dak tat-televizjoni, telefon u internet, kont numru A/C 40156464.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' sitt mija tlieta u disghin euro u sebgha u erbghin ċenteżmu ta' euro [€693.47] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta’ l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f’kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimata giet notifikata fit-22 ta’ Ottubru, 2013, baqghet ma ppreżentat l-ebda risposta fit-terminu ta’ tmintax-il jum skond il-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma llum quddiem it-Tribunal.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b’xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' sitt mija tlieta u disghin euro u sebgha u erbghin ċenteżmu ta' euro [€693.47] bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------